MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2003

Numru. 569/2001

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH CORDINA
VS
RAYMOND CALLEJA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Raymond Calleja ta' 45 sena bin Victor u Mary nee Grixti imwieled Gzira fid-9 ta' Dicembru 1955 u li joqghod fl-indirizz Lavander, Triq l-Ahwa Hyzler, B'Kara detentur tal-karta tal-identita numru 819155M talli fid-19 ta' Gunju 2001 u fil-gimghat precedenti, gewwa Birkirkara u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, ghamel uzu xjentement, ta' marki, sinjali, tabelli jew emblemi ADIDAS li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija jew biegh merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema, jew wahhal deskrizzjoni kummercjali falza jew biegh, zamm jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbha bi ksur tal-artiklu 298(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirksotanzi, bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, biegh, qassam jew mod iehor offra ghall bejgh jew biex jitqassam, xi artikoli jew hwejjeg u cioe hwejjeg bil-marka ADIDAS bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur ta' persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha, bi ksur ta' l-artiklu 298B tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-pulizija rcevew kwerela minn Dr David Tonna li fir-retail outlet bl-isem "Yorkie Mix & Match" San Gwann kienu qed jinbieghu hwejjeg bil-marka ADIDAS li ma kenux originali (ara dol 10 et seq).

Illi dan il-hanut kien gestit mill-imputat.

Illi Spettur Cordina xehed illi in segwitu tal-kwerela huma kien baghat ghall-imputat u investigah. Illi mill-istqarrija tal-istess imputat (ara fol 15 Dok JC) fejn stqarr illi dawn il-bcejjec ta' hwejjeg bil-marka ADIDAS kien xtrahom min Hong Kong ma huh u kienu assikurati illi kienu originali.

L-imputat stqarr illi l-prezz tal-qliezet tal-ADIDAS kienu Lm3 (tlett liri maltin) waqt illi it-top kien xtrah Lm4.25 (erbgha liri maltin u hamsa u ghoxrin centezmu).

Mistoqsi jekk dawk il-prezzijiet kienux baxxi hafna hdejn dawk li jinbieghu mir-rappresentanti f'Malta, l-imputat wiegeb f'pagna 2 tal-istqarrija:-

“Jiena ma jinteressaniex kemm ibieghhom haddiehor. Jiena nara li jkolli qliegh gust u daqshekk”.

Il-prosekuzzjoni esebit il-kwerela Dok JC1 u il-power of Attorney dok JC2 u disa qliezet u top bil-marka ADIDAS – fol 21.

Jean Paul Sammut, operations Manager ta’ Michele Peresso Limited, u distributuri tal-ADIDAS f’Malta xhed u esebixxa dok JC4 illi huwa manual dettaljatissimu li jispjega l-aktar mod car u konciz kif wiehed jaghraf il-logos tal-ADIDAS bil-punti kardinali ta’ type face, ta’ relazzjoni bejn type face u logos, fejn precizament jrid joqghod. Dan l-manual huwa maghmul b’mod semplici , car u inekwivoku.

Jean Paul Sammut imbaghad gie muri il-hwejjeg mixtrija mill-imputat f’Hong Kong u Sammut sab diversi nuqqasijiet jew differenzi min dak elenkat fil-hanut u cioe

1. Skond pg 11 tal-manual, l-oggett jrid jkollu zewg tikketti – Dawn ma rrizultax fuq il-hwejjeg esebiti.
2. 2. Skond pg 13 tal-Manual t-tikketta suppost turi is-size tal-oggett tal-hwejjeg li ma jirrizultax fuq il-hwejjeg esebiti.
3. Ir-runner taz-zipp suppost jkollu ADIDAS fuqha – li ma jirrizultax fil-hwejjeg esebiti.
4. Illi skond pg 4 tal-manual fuq l-S tal-kelma ADIDAS, hemm r-registered trade mark - Dan ma jinstabx fil-logo tal-hwejjeg esebiti
5. Skond pg 18 tal-manual, jrid jkun hemm l-8 flag label fuq il-parti ta’ wara tal-qalziet li ma hemmx fil-qliezet esebiti f’dan il-kaz.

PC824 Theuma kkonferma (fol 44 et seq) illi huwa kien eleva disa qliezet u top tal-marka ADIDAS.

Giovanni Miceli esebixxa dok GA Berne Convention u Universal Copyright Convention tal-UNESCO dok GA1, Trips Agreement tal-World Trade Organisation dok GA2.

Dr Antoine Camilelri a fol 193 et seq esebixxa u kkonferma il-kwerela li ghamlu lill-pulizija, esebixxa il-

prokuri tas-socjeta estera dok AC1, AC2, AC3 u AC4 u certifikati mir-registru ta' Trade Marks li juru il-marki distintivi uzati min ADIDAS (DokAC5 sa AC10).

L-imputat min-naha l-ohra ghazel li ma jixhidx u li ma jressaq ebda prova.

Illi fil-kors tat-trattazzjoni l-imputat solleva id-difiza tieghu u cioe illi il-Qorti ma tistghax ssib htija fl-imputat ghaliex ma nnominatx espert indipendenti biex jezamina l-oggetti u jidikjarahom counterfeit u ghaliex din il-Qorti ma tistghax toqghod fuq xhieda ta' "kompetitur" fis-suq (l-agent innifsu) li ddikjara dawn l-oggetti bhala "counterfeit".

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti con tutto rispetto mghandhiex quddiema dikjarazzjoni ta' kompetitur fis-suq li jsostni li l-oggetti huma counterfeit. Din il-Qorti ghandha il-manual tal-mother company illi tispjega b'aktar mod car il-marki distintivi tad-ditta u l-maniera ta' kif tintgharaf l-oggett originali. Din is-sistema hija tant cara u skjetta li mhiex sempliciment foolproof izda idiot proof.

Illi n-nuqqasijiet kienu diversi u ovvji "on the face of it" u kien ghalhekk illi din il-Qorti ddecidiet li ma jkunx ghaqli ili tinnomina espert fejn ma kienx hemm bzonn bil-possibilita titghabba fuq l-imputat bi spejjez bla bzonn.

Illi di piu l-imputat jghid illi akkwista l-hwejjeg bi prezz ta' Lm3 kull qalziet u Lm4.25 ghal top – prezz irizorju meta jitqabbel mal-prezzijiet tal-ADIDAS fis-suq. Illi inoltre ghalkemm giet imsemmija r-ricevuta tal-oggetti u li din ser tigi esebita l-Qorti fil-mument propizju, qatt fil-fatt ma tfaccat.

Illi dawn il-fatturi mehuda fil-komplessivita taghhom juru bla dubbju dettat mir-raguni illi l-imputat ma hax dawk il-prekawzjonijiet necessarji sabiex jara li l-provenjenza tal-oggetti li ser jbiegh hija skond il-ligi (ara Pul vs Joseph Muscat 26 ta' Settembru 2002).

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 298(1), 298B, 28A tal-kap 9 u tikkundanna lill-imputat ghal multa ta’ Lm300 u tlett xhur prigunerija sospizi ghal sena u tordna in oltre il-konfiska u d-distruggiment tal-hwejjeg esebiti.

Din il-piena giet moghtija wara li l-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat u l-ammont zghir hafna tal-oggetti tal-hwejjeg.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------